Kitba tal-**Kan. Dun Joe Galea**

# *Si Levi A Maria*

- Innu li jbaqbaq fil-qlub tal-Bormliżi
- Innu mibni fuq l-*Ave Maria* ta' Lourdes
- Verżjoni Taljana u Maltija ta' Patri A. Cuschieri O.C.
- Tkanta l-ewwel darba fil-festi ta' l-1905

Żgur li m'hemmx innu lill-Verġni Marija aktar għall-qalb tal-poplu Bormliż mis-*Si Levi*. Tisimgħu jitkanta bil-Malti, tista' tgħid wara kull quddiesa, u naturalment kważi l-ħin kollu waqt il-purċissjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni. Barra minn hekk, dan l-innu daħal ukoll f'bosta parroċċi li għandhom lill-Madonna bħala patruna tagħhom.

## *Il-Popolarità ta' l-Innu*

Mnejn ġejja l-popolarità ta' dan l-innu u kif daħal fil-parroċċa ta' Bormla? Il-mużika tiegħu hi l-istess waħda ta' l-innu li jitkanta mill-eluf kbar ta' pellegrini li kull sena jżuru b'devozzjoni kbira lill-Madonna ta' Lourdes. Għalhekk il-Maltin li jżuru dan is-santwarju qaddis, jistgħu jissieħbu, kif fil-fatt jagħmlu, ma' pellegrini minn nazzjonijiet oħra, fil-kant tiegħu. **Iżda l-kliem li jitkantaw hawn Malta, kemm tal-verżjoni Taljana, kif ukoll dik Maltija, oriġinaw hawn Malta.** Bit-Taljan kien tkanta l-ewwel darba meta nġiebet hawn f'Bormla l-vara tal-Kunċizzjoni minn Milan fl-1905.



*L-istatwa fl-antik qabel ma ġiet miksija bil-fidda.*

## *Il-Vara tal-Kunċizzjoni f'Bormla*

Li ġara kien dan. Fl-1667 l-Isqof Buenos kien żar il-parroċċa ta' Bormla u rraporta li kien hawn statwa tal-Madonna bil-Bambin, iżda din kienet tar-Rużarju. L-aktar tagħrif

bikri dwar l-istatwa tal-Kunċizzjoni jinsab fl-inventarju ta' żmien Dun Diego Ciantar u li jibda fis-sena 1697. **Din l-istatwa magħmula mill-injam tal-ħarrub kienet attribwita lis-Soru Maria Dedomenico (jew Dedomenicis)**, studenta tal-pittur magħruf Mattia Preti. L-istess inventarju jgħidilna li l-istatwa kienet indurata u miżbugħa kulur ċelesti. Ir-rapporti tal-viżti pastorali tas-seklu 18 jgħidu li kienet toħroġ il-purċissjoni tal-festa tat-8 ta' Diċembru. Mill-pannaġġ tal-mant wara l-minkeb tax-xellug, kien joħroġ anġlu ċkejken jew puttin, u tnejn oħra fil-ġnub tan-naħa ta' isfel. **Damet hekk sas-sena1905.**

## *L-Inkurunazzjoni tas-Santwarju*

Fl-1854, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX kien ipproklama d-Domma ta' l-Immakulata, u l-kapitlu ta' Bormla ried ifakkar bil-kbir il-50 anniversarju ta' din il-ġrajja indimentikabbli (1854-1904). Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ Marija Immakulata kellu jkun l-inkurunazzjoni tax-xbiha tal-Verġni Mbierka fil-kwadru tas-santwarju mpitter minn Pietru Pawl Caruana fuq direzzjoni tal-Bormliż Mons. Ludovik Mifsud Tommasi. **Id-data ffissata kellha tkun il-25 ta' Ġunju, 1905.** Għal din l-okkażjoni l-Papa bagħat bħala delegat *a latere* lill-Eminenza Tiegħu l-**Kardinal Domenico Ferrata**. Iżda qabel dan, il-poplu ta' Bormla kien ħaseb għad-dekorazzjoni tal-knisja kolleġġjata b'ħafna opri tal-fidda, fosthom il-ventaltari. **Imma l-aqwa opra tal-fidda kellha tkun il-vara tal-Kunċizzjoni** tant għal qalb il-poplu Bormliż.

## *Ħidmet Abram Gatt*

Sar ftehim ma' **Abram Gatt**, li kien iben din il-belt u li daru kienet kważi tmiss mal-ħitan tal-knisja parrokkjali fi Triq l-Oratorju. Gatt mhux biss għamel id-disinn tal-libsa tal-fidda li biha l-Kunċizzjoni kellha tiżżejjen, iżda nistgħu faċilment ngħidu li **mill-istatwa oriġinali lis-Soru Maria Dedomenicis ma ħalla xejn**! Wiċċ il-Kunċizzjoni tal-lum, xogħol fl-injam, hu aktar ħelu u tawwali milli kellha l-vara ta' qabel, li kien aktar fit-tond. L-istess ukoll ħarsitha m'għadhiex bħalma kienet tħares il-Kunċizzjoni ta' qabel. L-istatwa l-antika ntbagħtet Milan fejn suppost kellha tiġi miksija bil-fidda, iżda nistgħu faċilment ngħidu li l-istatwa kienet saret mill-ġdid minn Abram Gatt. F'Milan ix-xogħol tal-fidda sar mid-Ditta *Antonio Ghezzi e Figli*.

## *Mons. Salvatore Grech*

Meta tlesta x-xogħol ġie deċiż li l-vara l-ġdida tal-Kunċizzjoni tintbagħat Malta fejn kellha tasal fit-18 ta' Ġunju, 1905, eżattament ġimgħa qabel id-data ffissata għall-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari. Hawnhekk jidħlu fl-istorja tagħna żewġ Maltin oħra: Mons. Salvatore Grech, Bormliż, u Patri Anastasju Cuschieri O.C., Vallettan. **Mons. Salvatore Grech** (1856-1910) kien twieled f'Bormla minn familja fqira u studja fl-Università ta' Malta, fejn illawrja fit-Teoloġija, u mbagħad ordna saċerdot fl-1877. L-Isqof Scicluna ħatru professur tal-Kotba Mqabba fl-Università u rettur tas-Seminarju. Fl-1889 sar segretarju ġenerali ta' l-Isqof Pietru Pace.

Grech kien predikatur kapaċi ħafna u kittieb prolifiku, speċjalment dwar il-Konċepiment Immakulat tal-Madonna u l-Istorja tal-Knisja. Kien involut mal-Gvern Ingliż fil-kwistjoni taż-żwiġijiet imħallta (*mixed marriages*). Kellu wkoll imħabba kbira lejn il-foqra u l-ħaddiema, tant li jgħidu li darba qal li kienet se tibqa' tiġih ħasra mill-ħaddiema Maltin sakemm jarahom magħquda fl-unjoni qawwija ta' ħaddiema! Sadanittant hu kien laħaq

monsinjur, u fl-1904, proprju s-sena tal-50 anniversarju, sar **vigarju ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta**.

## *Patri Anastasju Cuschieri O.C. (1876-1962)*

Twieled fil-Belt Valletta u fl-età ta' 15-il sena daħal mal-Karmelitani. Studja fl-Università ta' Malta u f'dik Gregorjana ta' Ruma. Wara sar professur tal-Filosofija fl-Università ta' Malta. Kien paniġerista Kariżmatiku, u proprju **l-ewwel paniġierku tiegħu kien tal-Kunċizzjoni f'Bormla fis-sena 1901.** Fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913 Patri Cuschieri għamel diskors mill-isbaħ dwar *La Messa Riparatrice*. Kien ukoll poeta kapaċi, li kiteb ħafna poeżiji bil-Latin, Taljan u Malti, l-isbaħ fosthom dedikati lill-Madonna: *Flos Carmeli, La Madonna di Lourdes, Stelle Maris, Santa Teresa di Gesù, San Elia* u... ***Si Levi A Maria***. Mhux ta' b'xejn li hu magħruf bħala **l-Poeta tal-Madonna** minħabba d-devozzjoni kbira tiegħu lejha tant li fost il-ħafna poeżiji li kiteb bil-Malti, insibu *Marija, Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, Quddiem ta' Lourdes il-Ġdida*, u... ***Għalik O Marija***, barra numru ta' oħrajn dedikati lill-Verġni Marija.

## *L-Innu ta' Cuschieri*

**Mons. Salv. Grech, allura issa b'setgħa kbira f'idejh bħala Vigarju Ġenerali ta' Malta, kellem lil Cuschieri u talbu jiktiblu innu bit-Taljan biex jitkanta fl-okkażjoni tal-festi li kellhom isiru f'Bormla f'ġieħ il-Kunċizzjoni.** Cuschieri kiteb is-*Si Levi*, u Mons. Grech kien jiġi kull filgħaxija biex jgħallem dan l-innu sabiħ lit-tfal tal-*Freres*, u magħhom kienu jattendu ħafna Bormliżi biex huma wkoll jitgħallmu jkantawh, bħala preparazzjoni għall-miġja tal-vara tal-Kunċizzjoni minn Milan u l-inkurunazzjoni tas-santwarju.



*Il-vara tal-Kunċizzjoni wara li ġiet miksija bil-fidda, quddiem il-knisja ta' Santa Margerita, Bormla nhar it-18 ta' Ġunju 1905*

Il-vara waslet f'Malta fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju u ttieħdet fil-Konservatorju, biex hemm tkun eżaminata minn Abram Gatt, li allura rranġalha x-xagħar ta' fuq moħħha u għamlilha dawk iż-żewġ pizzi li tant irrendewha ħelwa u grazzjuża. Mill-Konservatorju ttieħdet Santa Margerita fejn kellha tiġi mbierka minn Mons. Salv. Grech stess fit-18 ta' Ġunju.

Iżda qabel it-tberik Mons. Grech għamel kelmtejn u qal lill-poplu numeruż miġbur: **"Bormliżi, l-istatwa tal-Madonna li intom tant tħobbu u li tant qegħdin tippreparaw ruħkom għall-festa tagħha, u malli jiena nwarrab il-purtiera u titfaċċa l-Madonna, qisu li kulħadd isellem lill-Madonna bil-kant tas-*Si Levi*."** U hekk għamlet il-folla, li

nfexxet f'dellirju ta' ċapċip u kant imħeġġeġ ħiereġ mill-qalb bil-melodija sabiħa ta' l-innu ta' Lourdes u bil-kliem ta' Patri Cuschieri, akkumpanjat mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla u mill-kor tat-tfal tal-*Freres* immexxija mill-*Brothers* tagħhom.

| | |
|---|---|
| Si levi a Maria<br>Un grido festoso,<br>Un pianto amoroso<br>Sia dolce versar. | Għalik o Marija<br>Din l-għajta ferħana<br>Għalik o Sultana<br>Tas-sema u ta' l-art. |
| Ave, Ave, Ave, Maria... | Ave, Ave, Ave, Maria... |
| O dolce Regina,<br>Tu sol di bellezza,<br>Degli angeli ebbrezza<br>Sospir del Signor. | Bik l-anġli jitgħaxxqu<br>O xemx tal-Qdusija<br>Int biss mingħajr ħtija<br>O safa bla qies. |
| Ave, Ave, Ave, Maria... | Ave, Ave, Ave, Maria... |
| O Madre benigna<br>Che tutti consoli<br>Quest'inno a te voli<br>Sull'ali d'amor. | O Omm l-aktar ħelwa<br>Omm l-aktar ħanina<br>Biex titlob għalina<br>Flimkien nitolbuk. |
| Ave, Ave, Ave, Maria... | Ave, Ave, Ave, Maria... |

Bdiet il-purċissjoni tal-Madonna, lejn il-knisja parrokkjali, ix-Xgħajra kienet maħnuqa bin-nies; kien tassew Kungress Marjan! Fil-25 ta' Ġunju saret l-inkurunazzjoni u l-Ħadd ta' wara, 2 ta' Lulju, saret purċissjoni bil-vara ma' Bormla kollha, kulħadd ikanta s-*Si Levi*.

## *Għalik O Marija*

Għaddew is-snin u Malta sabet ruħha fi gwerra qalilha bejn l-Ingilterra u l-Italja. Is-sentimenti għamlu tagħhom u xejn ma kien f'waqtu li wieħed ikanta bit-Taljan! Iżda l-Bormliżi assolutament ma ridux jitilfu l-kliem sabiħ tas-*Si Levi*. U hekk, fi żmien il-Kurat, il-Kan. Dun Alwiġ Abela, **Patri Anastasju Cuschieri, l-awtur tas-*Si Levi*, ġie mitlub jaqleb dan l-innu għall-Malti, u hekk tana l-verżjoni Maltija *Għalik O Marija***, li llum kulħadd jassoċjaha ma' Bormla.

## *Tagħrif Tekniku*

Dan l-innu, kemm bit-Taljan, kif ukoll bil-Malti, jikkonsisti fi tliet strofi, b'erba' versi kull waħda. L-ewwel tliet versi fihom sitt sillabi kull wieħed, filwaqt li r-raba' vers ta' kull strofa fih ħames sillabi. Il-versi għandhom ir-rima a b b ċ. Wara kull strofa jitkanta għal darbtejn ir-ritornell: "Ave, Ave, Ave, Marija," kemm bit-Taljan, kif ukoll bil-Malti.

## *Esperjenza Personali*

Nispiċċa b'dan l-aneddotu tiegħi personali. Mela fil-ġranet tan-novena tal-Kunċizzjoni tas-sena l-oħra, meta ġieli messni nqaddes fil-knisja parrokkjali ta' Wied il-Għajn, insistejt

li fl-aħħar inkantaw *Għalik O Marija.* Daħlet fis-sagristija waħda minn parroċċa oħra (mhux Wied il-Għajn), u b'wiċċha minn quddiem qaltli, "Dun Joe, hekk mhux sew; dan l-innu ta' Bormla li qed tkanta. Issa meta tasal il-festa tiegħi, ikollok tkanta l-innu tal-parroċċa tiegħi." Tbissimt u għidtilha, "Kollox sew, tibżax. Peress li l-parroċċa tiegħek hi wkoll iddedikata lill-Madonna, nerġgħu nkantaw *Għalik O Marija.*"

Ħajr lill-Kan. Dun Ġużepp Bonello għall-għajnuna li tani.


# "Ta' Cassia"

*Building Contractors and...*
*Property Dealer of Maisonettes.*
*Flats, Garages, Plots*

Tel: **21 677510** • Mobiles: **Antoine 9945 2372** • **Joe 'Cupa' 7922 5450**

# Cottoner

**Bar & Restaurant, Pizzeria & Take-away**

Vjal Cottoner, Fgura
Tel. 21 691215, 21 805816 • Res. Tel. 7927 0122

***Delivery Service***
Wine and Pizza Functions & All kinds of parties

# SUEZ CANAL BAR

ST. PAUL STREET, COSPICUA